Il-kelma ewlenija li għaliha jingħata kliem jew espressjonijiet oħra li jistgħu jintużaw minflokha

Deskrizzjoni grammatikali tal-kelma ewlenija

**tkellem** *(verb)*

Eżempju ta' kif il-kelma ewlenija tista' tintuża f'kuntest

*Għalkemm qagħdu jitkellmu flimkien, ma staqsiehx x'jismu.*

L-'i' tal-leħen

Sinonimu: kelma oħra li tista' tintuża minflok il-kelma ewlenija skont il-kuntest

Kelma li hi sinonima tal-kelma ewlenija imma tidher ukoll f'entrata separata bħala kelma ewlenija

Tikketta li tagħti informazzjoni dwar f'liema kuntesti kelma tintuża l-aktar

Kelma arkajka, qadima, li m'għadhiex tintuża, u għalhekk miktuba bil-griż minflok bl-iswed

lissen, artikola, [i]ppronunzja, tħaddet, fetaħ fommu, fetaħ ħalqu, **gedwed**, **naqnaq**, **temtem**, **laqlaq**, fenda waħda, qal, [i]ddeklama, lablab *[dispreġjattiv]*, paċpaċ, peċlaq *[dispreġjattiv]*, [i]ddiskorra ma', tarraf, parla *[dispreġjattiv]*, sparla *[dispreġjattiv]*, taqtaq *[dispreġjattiv]*, qassat, lewwaq, qawwel, għawwed, minn taħt l-ilsien *[idjoma]*, bilkemm jinstema', kemm jinstema', ħaxwex, bi tpespisa, pespes, fesfes (f'widnejn xi ħadd), sefsef, semma' leħnu, għolla leħnu, esklama, għajjat, ħanxar, fetaħ ħanġra daqsiex, ħambaq, [i]rrieċpa, werżaq, xeher, għamel storbju sħiħ

Simbolu li jintuża biex juri li l-kliem jew l-espressjonijiet ta' warajh, aktar milli sinonimi huma iponimi, jiġifieri *tipi differenti ta'*, jew f'dal-każ *modi differenti ta' kif titkellem*

➤ jitkellem bil-lajma, jitkellem jgħaġġel, jaħtaf il-kliem *[idjoma]*, jomgħod il-kliem *[idjoma]*

# Il-ħtieġa ta' teżawru tematiku

Teżawru? Ieħor?

Teżawri li jippreżentaw lista alfabetika ta' kliem Malti jeżistu diġà u jiswew mitqilhom deheb. Imma jeżisti tip ieħor ta' teżawru: dak li jippreżenta l-kliem skont numru ta' suġġetti jew temi. U fil-Malti kien qiegħed jinħass ċertu vojt li, bis-saħħa ta' dan it-teżawru, issa beda jimtela.

Teżawru tematiku joffri vantaġġi kbar lil kull min ifittex fih. Vantaġġ ewlieni hu li l-kliem kollu marbut ma' qasam partikolari jinsab qrib xulxin u mhux imxerred mal-erbat irjieħ tal-alfabett. Hekk jispikkaw aktar id-differenzi fit-tifsir, li xi drabi jistgħu jkunu sottili. Bit-tqassim alfabetiku, kliem bħal *ċaqċaq*, *għadma*, *sinsla*, *skeletru* u *qarquċa* jkun imferrex taħt erba' ittri differenti filwaqt li f'dan it-teżawru jinsab miġbur flimkien u għalhekk hemm probabilità akbar li l-fittiex isib dak li jkun qed ifittex.

Teżawru bħal dan huwa effettiv l-aktar għaliex iqegħedlek il-kliem fuq il-ponta ta' lsienek, lest biex tużah. Mhux biss jgħin lil min irid jikkomunika jagħżel liema hi l-aktar kelma li tixraq fil-kuntest, iżda jiffaċilita wkoll il-proċess biex il-fittiex isib xi kelma li jeħtieġha u li għandu mnejn lanqas biss ikun jaf li teżisti. Ngħidu aħna, tiftixa għal *mexa* ma taqtagħlekx il-mixja lingwistika ħesrem iżda tieħdok dawra ma' għadd ta' kelmiet ewlenin iggradati skont it-tifsira, minn *fekren* sa *qabeż* u għalhekk issib *fekren*, *zappap*, *mexa*, *ġera*, *sal* u *qabeż*.

Iżda innovazzjoni importanti li qed iġib miegħu dan ix-xogħol lessikografiku hi li min jużah għandu l-għażla jqallibx fil-ktieb jew ifittixx dak li jeħtieġ fil-verżjoni online.

Kemm fit-teżawru stampat u kemm f'dak online, dak li jkun jista' jfittex il-kliem ewlieni jew is-sinonimi li jaqgħu taħt tema partikolari, ngħidu aħna *Il-ġisem u l-kura tiegħu* jew *Id-deskrizzjoni fiżika*. Madankollu għandu wkoll għażliet oħra: fl-istampat jista' jfittex ukoll b'mod alfabetiku permezz tal-indiċi, filwaqt li fl-online jista' jfittex kemm billi juża s-search bar u kemm billi jesplora t-temi. Dan sar sabiex filwaqt li l-organizzazzjoni tematika tingħata l-importanza li tixirqilha, ma titwarrabx il-prattiċità li joffri l-alfabett. Għalhekk m'għandekx għalfejn tkun xi espert tal-lingwa biex tfittex f'dan it-teżawru, għax maħsub apposta biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' kulħadd.

Fil-fatt, minbarra l-kliem ewlieni u s-sinonimi li jaqgħu taħt xi waħda mis-sitt temi li jkopri, dan ix-xogħol jgħodd ukoll għal min jinteressawh oqsma speċifiċi tal-lingwa, ngħidu aħna l-kliem qadim li m'għadux kurrenti (arkajk) u l-idjomi li jagħtu l-kulur fit-taħdit u l-kitba.

F'dan id-dawl, *Kelma għal Kelma: Teżawru Tematiku Malti* huwa għodda ġdida li għandu jkollu kull min għandu l-Malti għal qalbu u jfittex li jikkomunika tajjeb bi lsienna.

Fost dawn ta' min isemmi:

- l-istudenti f'livelli differenti li minbarra li jridu jkunu kapaċi jaqraw u jifhmu, huma mistennija jitħaddtu u jiktbu b'Malti tajjeb u idjomatiku;
- l-istudenti li ma jafux il-Malti imma jixtiequ jitgħallmu l-vokabolarju ta' temi partikolari mħaddem f'kuntest permezz tal-eżempji;

- il-ġenituri li jixtiequ jsaħħu l-vokabolarju tagħhom biex jgħinu lil uliedhom ikomplu dak li jkunu bdew fil-klassi;
- l-għalliema li skont il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, għandhom jgħinu lill-istudenti jikkonsultaw f'teżawru jew f'dizzjunarju;
- l-għalliema li, fost ħwejjeġ oħra, ifittxu li jgħinu lill-istudenti jwessgħu l-vokabolarju tagħhom u jifhmu aħjar l-isfumaturi fit-tifsir tal-kliem;
- min isibha bi tqila jfittex kelma fi ktieb għaliex iħossu aktar komdu online;
- il-kittieba, it-tradutturi, ix-xandara, il-ġurnalisti u kull min juża l-Malti biex jikkomunika.

# Daħla teknika

## Ftit numri

Dan it-teżawru tematiku fih 2,007 kelmiet ewlenin u ’l fuq minn 11,000 sinonimu mqassma tematikament iżda wkoll miġbura f’indiċi alfabetiku. Il-kliem ewlieni hu mqassam hekk, skont it-temi: 1. Il-familja u l-ħbieb (135); 2. Il-ġisem u l-kura tiegħu (545); 3. Id-deskrizzjoni fiżika (413); 4. Id-deskrizzjoni tal-karattru (369); 5. Is-sentimenti u l-emozzjonijiet (248); u 6. Il-fażijiet tal-ħajja (297).

Fost il-kliem ewlieni jew sinonimi mogħtija xi tikketta hemm: idjomi (2,227); kliem arkajk (674); espressjonijiet dispreġjattivi (207); espressjonijiet ewfemistiċi (145); espressjonijiet vulgari (95); kliem mhux komuni (126); espressjonijiet taż-żgħażagħ (34) u kliem djalettali (19).

## Forom inflessi

Minħabba li hija prassi mifruxa ferm, l-għażla grammatikali awtomatika ta’ ħafna kliem f’dan it-teżawru hija l-maskil singular. Għaldaqstant minbarra kliem ewlieni bħal *xjaħ*, *xtaq* u *zappap*, anke għal kliem ewlieni bħal *ziju* qed jinġiebu bħala sinonimi l-frażijiet *ħu ommu* u *ħu missieru* għalkemm minflok *ħu* setgħet kienet ukoll *oħt*.

Madankollu hemm ukoll kemm kelmiet ewlenin u kemm sinonimi li minflok ma huma fit-tielet persuna maskil singular, qed jidhru f’forom inflessi oħra. Fost oħrajn hemm *wlied uliedna* (fl-ewwel persuna plural) u *it-tfal tat-tfal* (fil-plural) taħt il-kelma ewlenija *dixxendent*. Dan isir għal tliet raġunijiet ewlenin: jew għaliex kelma jew frażi partikolari tkun fossilizzata, ngħidu aħna *wlied l-aħwa* taħt il-kelma ewlenija *kuġin*; jew għaliex kelma jew frażi ma tintużax f’ċerti kuntesti mingħajr suffissi pronominali, pereżempju *missier*

*missieru* fil-kelma ewlenija *nannu* li tingħata fit-tielet persuna maskil singular; jew għaliex ċertu kliem, minħabba limitazzjonijiet li mhumiex lingwistiċi (imma pereżempju, bijoloġiċi) hu aktar assoċjat ma' xi sess partikolari u għalhekk tkun użata biss (jew tkun ferm aktar komuni) l-inflessjoni fil-femminil (eż. *xtrat* u *ferrgħet* taħt il-kelma ewlenija *ħelset* jew il-kelmiet/frażijiet ewlenin *ikkonċepiet*, *ħarġet tqila* u *korriet*).

## L-użu tal-imperfett

L-istess argument li sar aktar 'il fuq dwar il-forom inflessi huwa validu wkoll fir-rigward tal-għażla tat-temp u l-aspett. Diversi idjomi, ngħidu aħna, li huma użati l-aktar fl-imperfett qed jingħataw f'dan it-temp u mhux fil-perfett. Għaldaqstant taħt il-kelma ewlenija *bagħad* hemm idjomi bħal *ma jaħmlux pinġut*, *ma jġibux* u *demmu jsawtu*.

## L-eżempji

Qed jingħata eżempju tal-kelma ewlenija użata f'kuntest. Hawn irid jingħad li l-eżempji huma kollha meħuda, kemm jista' jkun, kelma b'kelma mill-MLRS biex ikunu awtentiċi. Madankollu ġieli nħass il-bżonn li ċerti sentenzi jiġu mirquma jew f'xi każi jitqassru filwaqt li nżamm it-tifsir u l-kuntest oriġinali. F'każijiet rari fejn ma nstabet ebda okkorrenza ta' kelma jew frażi fl-MLRS, l-eżempji nstabu minn siti elettroniċi li jitilgħu wara tiftixa sempliċi fuq Google.

Dawn l-eżempji mhux neċessarjament jirriflettu l-opinjoni la tiegħi bħala kompilatur u lanqas tal-pubblikatur.

Il-kelma ewlenija mhijiex neċessarjament riprodotta ittra ittra fl-eżempju; fil-fatt jista' jkun hemm xi forma inflessa u dan isir proprju biex jintwera li minflok il-kelma ewlenija tista' toqgħod kull forma oħra inflessa minnha. Għaldaqstant l-eżempju tal-kelma ewlenija *kuġin* huwa *Staqsejt lill-kuġina tiegħi x'rigal kien jixtieq zijuwi.*

## Il-kliem mhux komuni u arkajk

Minkejja li wieħed mill-għanijiet ewlenin tat-teżawru huwa li jagħti l-għażla tal-kelma ħajja u jqegħedha fuq fomm min ifittixha, biex il-ġabra tkun kemm jista' jkun sħiħa (u għal ebda raġuni oħra), qed jinġieb ukoll il-kliem arkajk, stampat b'lewn griż. Ħafna drabi, l-għażla li kelma tiġi mmarkata bħala arkajka ttieħdet wara konsultazzjoni ma' xogħlijiet lessikografiċi ewlenin fosthom ta' Erin Serracino-Inglott u Ġużè Aquilina kif ukoll wara stħarriġ informali ma' diversi persuni minn oqsma u ta' etajiet differenti.

Mill-banda l-oħra, jekk xi kelma, frażi jew idjoma partikolari li rarament tinstema' nkun xi darba smajtha personalment jew imqar xi ħadd ikun qalli li jafha użata, hi mmarkata bħala mhux komuni.

## Is-sinonimija

Mhux bilfors li l-istess idea tal-kelma ewlenija tintradd f'sinonimi li huma tal-istess parti tad-diskors. Għaldaqstant is-sinonimi mhux neċessarjament joqogħdu sintattikament fil-pożizzjoni eżatta tal-kelma ewlenija minħabba li partijiet tad-diskors differenti jistgħu jintużaw biex titwassal l-istess idea tal-kelma ewlenija. Pereżempju, fost is-sinonimi tal-kelma ewlenija *xbin* (nom) hemm kemm nomi oħra – *partner*, *ħabib*, *sieħeb* – kemm frażijiet bħal *qiegħed ma'* u *jikkoabita ma'* u kemm parteċipju passiv bħal *ingarżat*, fost oħrajn.

Xi drabi, fost is-sinonimi jidher kliem li jista' jitqies bħala tali biss minħabba l-użu kuntestwali tiegħu mqar f'okkażjoni waħda. Ngħidu aħna fil-każ tal-kelma ewlenija *wiċċ* hemm is-sinonimu *voltu* minħabba l-espressjoni *voltu sant* filwaqt li taħt il-kelmiet ewlenin *utru* u *ġuf* hemm ukoll *kollox* minħabba l-użu fi frażijiet bħal *neħħiet kollox* għal min jagħmel l-operazzjoni li fiha jitneħħa l-utru. *Most* qiegħda taħt il-kelma ewlenija *qares* avolja tingħad biss għall-inbid waqt li *salmastru* li tintuża għall-ilma, qiegħda wkoll taħt il-kelma ewlenija *mielaħ*. Fis-sitt tema *tieġ* u *żwieġ* jingħataw bħala sinonimi

għaliex jokkorru f'kuntesti bħal *Kulħadd se jkun jista' jassisti għaż-żwieġ bejn Mattew u Katarina.* u *Illum jaħbat għeluq il-ħamsin sena mit-tieġ tagħna.*

Minħabba n-natura tematika tat-teżawru, il-mikrostruttura (l-entrata) hija dejjem regolata mill-makrostruttura (it-tqassim ġenerali tat-taqsimiet). Għaldaqstant mal-kelma ewlenija *missier* evitajt li ninkludi, ngħidu aħna, *santi padri* bħala sinonimu minħabba li din ma tintużax fil-kuntest tal-familja imma esklussivament f'kuntest ekkleżjastiku. Bl-istess mod ma inkludejtx *ħarreġ* u *ttrenja* bħala sinonimi tal-kelma ewlenija *rawwem* u taħt *irġulija* ma inkludejtx *kelma ta' raġel* imma biss *adultezza* u *maturità.* Għaldaqstant, għalkemm kelma ewlenija partikolari jaf ikollha ferm aktar sinonimi, dawn mhumiex inklużi jekk ma jaqgħux taħt it-tema partikolari.

Qed jidhru wkoll kelmiet ewlenin li ma għandhom ebda sinonimi. Fost dawn hemm *għonq*, *ġilda* u *pora*. Dan sar biex il-lessiku marbut ma' xi tema partikolari jkun kemm jista' jkun komplet.

Xi drabi, għall-konvenjenza tal-fittiex, qed jiġi inkluż ukoll kliem li mhuwiex strettament sinonimu tal-kelma ewlenija imma jaqa' taħt il-kategorija tal-iponimi (jiġifieri *tipi differenti ta'*). Ngħidu aħna taħt il-kelma ewlenija *familja* hemm sinonimi bħal *dar*, *razza* u *nisel* segwiti minn tipi differenti ta' familja (l-iponimi) bħal *familja nukleari*, *familja estiża*, *familja b'ġenitur wieħed* u l-bqija. L-iponimi jingħarfu mis-sinonimi għaliex qabel l-iponimi hemm dejjem is-sinjal ➤. Bejn iż-żewġ gruppi ta' kliem hemm ukoll spazju abjad ftit akbar minn tas-soltu li jkompli jenfasizza li l-gruppi ta' kliem huma distinti minn xulxin.

## Il-makrostruttura (it-tqassim ġenerali tat-temi)

It-teżawru huwa mqassam f'sitt temi ewlenin. Imbagħad, kull tema terġa' tinqasam f'għadd ta' sottotemi. Jiġri li xi drabi l-istess kelma ewlenija tidher f'żewġ temi. Ngħidu aħna kliem ewlieni bħal

*ġenitur* u [i]*mħabba* jinsab taħt it-temi tal-familja u l-fażijiet fil-ħajja kif ukoll tas-sentimenti u l-fażijiet fil-ħajja rispettivament. F'dawn il-każi, il-kelma ewlenija jista' jkollha l-istess sinonimi inkella jista' ma jkollhiex l-istess sinonimi, għax it-tema timponi għażliet differenti.

Ċerti sottotemi japprestaw ruħhom biex il-kliem ewlieni fihom ikun gradat. Hekk ngħidu aħna fit-tieni tema (2.1.10) hemm gradazzjoni minn *fekren* sa *qabeż*: *fekren*, *zappap*, *mexa*, *ġera*, *sal* u *qabeż*. Min-naħa l-oħra hemm każijiet fejn ir-rabta bejn il-kelmiet ewlenin tant hija ġenerali li ntgħażlet makrostruttura alfabetika. Eżempju ċar ta' din l-għażla huwa taqsima 2.5.2.1 tat-tieni tema fejn hemm lista ta' xi mard, kundizzjonijiet u sintomi minn *affann* sa *urtikarja*. L-alfabett jitħaddem ukoll bħala gwida fil-lista tas-sentimenti pożittivi, negattivi u newtrali rispettivament. Hekk wieħed isib li *estasi*, *ferħ* u *fiduċja* qegħdin f'ordni alfabetiku. Minkejja dan, bejn dawn in-nomi jidħlu l-aġġettivi u l-verbi relatati magħhom u hekk il-lista kompluta ta' din il-parti hija: *estasi*, *estatiku*, *ferħ*, *feraħ*, *ferħan*, *fiduċja*, *fada* u *affidabbli*.

## Il-mikrostruttura (it-tqassim ta' entrata)

B'mod ġenerali, is-sinonimi huma mqassma b'tali mod li dawk li jaqsmu l-aktar tifsiriet mal-kelma ewlenija jinsabu fil-bidu tal-lista tas-sinonimi filwaqt li l-oħrajn li jaqsmu ferm inqas tifsiriet mal-kelma ewlenija jinsabu lejn l-aħħar. Ngħidu aħna, taħt il-kelma ewlenija *għajjur* hemm dawn is-sinonimi: *invidjuż*, *ġeluż*, *jittiekel għal*, *għandu kull lanżita daqsiex għal*, *possessiv*, *suspettuż* u *ġlusi*. Iżda drabi oħra, it-tqassim tas-sinonimi jieħu aktar il-forma ta' sekwenza gradata, għaliex hekk titlob il-loġika. Eżempji tipiċi huma l-entrati ta' *deni* u [i]*mħabba* rispettivament fejn il-gradazzjoni hija dejjem mill-ftit għall-ħafna. *Deni*: *ħajta deni*, *temperatura għolja*, *deni qawwi*, *deni ta' żiemel* u *deni tifu*. *Imħabba*: *affezzjoni*, *infatwazzjoni*, *ġibda*, *stima*, *għożża*, *hewwa* u *adorazzjoni*. Meta fost il-grupp tas-sinonimi jkun hemm uħud li jinstabu wkoll bħala kelmiet

ewlenin f'xi parti oħra tat-teżawru, dawn huma mmarkati bil-grassett.

## L-użu tal-parentesi

Il-parentesi tondi qed jintużaw għal diversi raġunijiet. Bejniethom, pereżempju, hemm kliem li jista' kemm jingħad kif ukoll jinqabeż. Ngħidu aħna fil-każ tal-kelma ewlenija *solitarju* hemm *ma jkomplix* (man-nies) fejn is-sinonimu jista' jkun kemm l-espressjoni sħiħa *ma jkomplix man-nies* u kemm *ma jkomplix* biss.

Fl-indiċi għandhom ukoll il-funzjoni li jispeċifikaw, taħt liema kelma ewlenija jinsab is-sinonimu. Għalhekk: *berbieqi 127 (ħali)* tfisser li l-kelma *berbieqi* tinstab f'pġ 127 bħala sinonimu tal-kelma ewlenija *ħali*.

Il-parentesi kwadri, min-naħa l-oħra, qed jintużaw biex jispeċifikaw meta xi kelma jew espressjoni tkun idjoma, vulgari u l-bqija.

## Il-kliem ta' nisel Ingliż

Kliem Ingliż, bħal *daddy*, *baby* u oħrajn qed jingħata meta l-użu tiegħu huwa mifrux u ilu ħafna li ndara mill-kelliema Maltin. Kliem ieħor li jinstema' ta' spiss, ħafna drabi minħabba code switching (meta fl-istess kuntest soċjolingwistiku waqt jintuża l-Malti u l-waqt ta' wara l-Ingliż) jew saħansitra code mixing (meta jitħalltu ż-żewġ lingwi addirittura fl-istess sentenza), ħassejt li għandu jitħalla barra. Għalkemm tajt l-akbar importanza lill-kliem Malti stabbilit, ma qgħadtx lura milli ndaħħal kliem relattivament modern li ġej mill-Ingliż anke bħala kliem ewlieni, bit-tir ikun li l-fittiex jasal għall-kelma l-oħra u jsir jaf li minflok *[i]mmuvja* jista' juża wkoll *ġarr*, *mexa mbe* minflok *[i]kkrolja*, u *treddigħ* minflok *breastfeeding*.

## Il-varjanti fonetiċi

Ix-xewqa inizjali kienet li jinġiebu l-varjanti kollha tal-kliem li qed jidher f'dan it-teżawru. Madankollu l-ħidma wriet li tant

jeżistu varjanti (l-aktar fonetiċi) li huwa impossibbli li jinqabdu kollha, b'mod speċjali f'biċċa xogħol bħal din li nqis li għandha piż preskrittiv ferm inqas minn ta' dizzjunarju. Għaldaqstant ittieħdu dawn id-deċiżjonijiet dwar liema varjanti qed jidhru u liema le.

Varjanti fonetiċi bħal *tala'*, *tafa'*, *rafa'* u oħrajn (bis-sekwenza vokalika a-a) mhumiex qed jidhru u għalhekk qed tidher biss dik il-forma li fil-fehma tiegħi hija l-aktar popolari: *tela'*, *tefa'*, *refa'* u l-bqija, bis-sekwenza vokalika e-a).

Varjanti fonetiċi meqjusa arkajċi, pereżempju *tagħem* (varjant ta' *tiegħem*) mhumiex qed jidhru.

Varjanti fonetiċi li huma mifruxa sew, ngħidu aħna *seba', saba'* u *suba'*, qed jinġiebu kollha mifruda minn linja mxengla (/). Jekk ikun hemm taqsima sħiħa mit-teżawru, bħalma hu f'dan il-każ partikolari mit-tema tal-ġisem u l-kura tiegħu, fejn il-kelma li fiha għadd ta' varjanti tintuża spiss, il-varjanti jidhru għall-ewwel darba fil-kelma ewlenija (*seba'/saba'/suba' ta' sieq*) u ma jiġux imtennija fis-sinonimi biex ma jtellfux lill-fittiex.

Imbagħad, kif jidher hawn taħt, hemm varjanti oħra fejn il-varjazzjoni tkun ta' natura morfoloġika, ngħidu aħna fil-prefissi jew fis-suffissi.

F'partiċipji passivi fejn hemm l-għażla tiġix irduppjata jew le l-ewwel konsonanti taz-zokk, pereżempju *separat/*$^{i}$*sseparat* il-preferenza ngħatat lil dawk li jibdew b'konsonanti waħda. Madankollu kien hemm fejn ittieħdet deċiżjoni li l-għażla tkun bil-maqlub; u dan f'każijiet fejn huwa ċar li l-varjant l-aktar mifrux huwa tat-tip l-ieħor. Dan ġara, ngħidu aħna, fil-każ ta' *lawrjat/*$^{i}$*llawrjat* fejn intgħażel il-varjant li jibda b'konsonanti doppja.

F'partiċipji attivi jew passivi li joffru varjanti bħal *nexfin/nixfin/niexfa* (plural) jew *mgħaddmin/mgħaddma* (plural) ma ngħatawx varjanti.

Fost is-suffissi varjanti *-abbiltà*, *-abiltà*, *-abbilità* u *-abilità* bħal f'*vulnerabbiltà/vulnerabiltà/vulnerabilità/vulnerabbilità* l-għażla marret fuq il-varjant *-abbiltà.*

Fost is-suffissi *-atiku* u *-atku* bħal f'*simpatiku/simpatku* u *fanatiku/fanatku* l-għażla marret fuq l-itwal varjant *-atiku* ħlief pereżempju fil-każ ta' *antipatku* li hi mifruxa ħafna wkoll u għalhekk qed jinġiebu ż-żewġ varjanti.

Il-forma t-twila kienet l-għażla preferita anke fil-każ tas-suffissi *-issimu/-issmu*, u għalhekk *bravissimu*, pereżempju, ħadet il-preċedenza fuq *bravissmu*.

## Id-deskrizzjoni grammatikali

Id-deskrizzjonijiet grammatikali, misjuba fil-parentesi wara l-kliem ewlieni, huma limitati għal lista tassew qasira: verb, nom, aġġettiv, avverbju, parteċipju attiv u parteċipju passiv. Għaldaqstant, fil-verbi, ngħidu aħna, ma hemmx distinzjoni, bejn it-transittiv u l-intransittiv filwaqt li fir-rigward tan-nom ma hemmx distinzjoni bejn in-nom komuni u n-nom verbali. Minkejja li hemm differenzi oħra, pereżempju bejn aġġettiv u frażi aġġettivali, frażijiet bħal *bla snien* u *b'saħħtu* qed jingħataw it-tikketta sempliċi ta' aġġettivi, kif wara kollox, tkun il-funzjoni tagħhom f'sentenza.

## L-i tal-leħen

L-i tal-leħen hija miżjuda dejjem mal-artiklu. Għalhekk hemm kelmiet ewlenin bħal *il-mara tat-tifel* u *il-ġewża tal-għonq*. Iżda kull kelma oħra li tista' teħtieġ l-i tal-leħen tibda b'din il-vokali merfugħa (sopraskritta) u tkun tidher hekk: *$^{i}$lvent*, *$^{i}$ntiena*, eċċ. Dan għandu jgħin biex jiffranka xi ftit tal-ħin lill-fittiex billi f'ċerti każijiet ikollu jikkonsulta dizzjunarju ħalli jara l-i hijiex etimoloġika (allura fil-kitba ma taqa' qatt) inkella hijiex tal-leħen (u tinkiteb biss meta jkun hemm bżonn).

## L-idjomi

Huwa komuni ħafna, f'dan it-teżawru, li mas-sinonimi jidhru kliem jew frażijiet immarkati bħala idjomi. Hawn ta' min jgħid li l-kelma *idjoma* hi mifhuma fis-sens wiesa' tagħha u għalhekk l-idjomi

miġjuba mhumiex biss dawk misjuba fil-kotba tal-idjomi imma hija mmarkata bħala tali kull espressjoni kkulurita li tagħmel il-lingwa isbaħ u li t-tifsira tagħha hi differenti mid-denotazzjoni tal-kelma jew ta' kull kelma li hi parti minn frażi idjomatika. Għaldaqstant il-kelma *ifittex* bħala sinonimu taħt il-kelma ewlenija *xħiħ* hija meqjusa bħala idjoma daqs *dejjem b'xi fellus f'rasu* taħt il-frażi ewlenija *jaħseb ħażin*.

Numru relattivament żgħir mill-idjomi huma mmarkati bħala arkajċi, u dan ifisser li għalkemm xi darba kienu jingħadu, illum m'għadhomx daqstant magħrufa. Fost dawn insibu *jagħmel il-bażliman tal-kbarat* taħt il-kelma ewlenija *lagħaqi*; *ma jibżax minn daqq it-tabal* taħt il-kelma ewlenija *kuraġġuż*; u *fih biċċa deheb kastvalla* taħt il-kelma ewlenija *inaffidabbli*. Għalkemm qed jinġiebu xorta waħda biex dan ix-xogħol, minkejja l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet li jista' jkollu, ikun kemm jista' jkun komplet, qed jingħataw din it-tikketta biex jiggwidaw aħjar lil min jikkonsulta t-teżawru fl-għażliet li jrid jagħmel.

## L-indiċi

Fl-indiċi qed jidhru l-kelmiet ewlenin u s-sinonimi kollha. Kelma ewlenija tingħaraf għaliex in-numru tal-paġna li hemm ħdejha huwa bil-grassett. Dan mhux il-każ fejn jidħlu s-sinonimi. Għalhekk *armel* hija kelma ewlenija u tidher f'paġni **11** u 171 iżda *delizzjuż* tidher f'paġna 39 bħala sinonimu tal-kelma ewlenija *tajjeb*.

Kliem, idjomi jew saħansitra binjiet sintattiċi itwal li jintużaw l-aktar fil-preżent (ngħidu aħna biex jiddeskrivu l-karattru ta' xi ħadd), fl-indiċi jinstabu taħt l-ittra *j* jew *i*, skont il-każ. Fost dawn insibu *jaf mnejn għandu jgħaddi*, *iġibhom bi kbar* u *jara sal-ponta a' mnieħru*. Min-naħa l-oħra, kliem bħal *$^{i}$nsikem* u *$^{i}$nxtorob* jew *$^{i}$mnaffar* u *imnerveż* li aktarx jintużaw l-aktar f'forma passiva, jinsabu taħt l-ittra li hija l-prefiss tal-forma passiva, pereżempju *n-* jew *m-*.

L-idjomi jinsabu taħt l-ittra li biha jibdew in-nomi ewlenin fl-idjoma. Ngħidu aħna *qisu barri t'Awdissa* tinstab taħt *barri*; *donnu*

*suffarell* taħt *suffarell* eċċ. Fejn ikun hemm verb li hu ta' ċerta importanza, minbarra taħt l-ewwel ittra tan-nom jew nomi, l-utent jista' jfittex ukoll taħt l-ewwel ittra tal-verb. Għalhekk *jerfa' salib ħaddieħor* tinstab kemm taħt l-ittra *j* ta' *jerfa'* u kemm taħt is-*s* ta' *salib*.

Idjomi użati fin-negattiv, bħal *ma jfittixx ix-xagħra fl-għaġina*, issibhom kemm taħt *xagħra* u kemm taħt *ma jfittixx*.

Varjanti fonetiċi bħal *qurriegħa* u *qorriegħa*, issibhom bħala entrati separati fl-indiċi, li mbagħad iwassluk għall-entrata fit-teżawru fejn huma mqiegħda ħdejn xulxin separati minn linja mxengla (*qurriegħa/qorriegħa*).

## Kelmtejn tal-aħħar

Żewġt iqwiel ħelwin li, ikolli ngħid, ħarġu minn fomm xi ħajjat huma: "Qis mitt darba u aqta' darba" u "Min jaqta' bla ma jqis, minn pezza ma joħroġx qmis." Issa għalkemm jien ħajjat m'iniex, f'xogħol ta' dan it-tip, kelli bilfors inqis ... u naħsibha ... u ntella' ... u nniżżel ... Imma, f'waqtiet differenti tal-proċess sħiħ li mit-tifsil iwassal sal-pubblikazzjoni, kelli nieħu ċerti deċiżjonijiet.

F'dal-paġni għażilt li nikteb dwar dawn id-deċiżjonijiet, mhux biex niġġustifika xi deċiżjoni li stajt ħadt imma biex, jekk jinteressak, tkun tista' tgħarbel b'reqqa akbar in-nisġa ta' dan it-teżawru.

Nitolbok tagħdirni meta ssib xi nuqqas jew xi ħaġa li stajt għamilt aħjar. Nittama biss li dan is-sehem ċkejken tiegħi, ikompli juri l-ġmiel tal-lingwa li dejjem tħaddtet biha ommi, l-ilsien li bih inkellem lil binti.

Dwayne Ellul

# L-aċċess għall-verżjoni online tat-teżawru tematiku

Sabiex tkun tista' tattiva l-liċenzja tiegħek għas-sit tat-teżawru tematiku, jekk jogħġbok segwi dawn l-istruzzjonijiet:

1. Mur fuq www.tezawrutematiku.com.
2. Agħfas *Irreġistra*.
3. Ikteb ismek u kunjomok (eż. John Borg).
4. Oħloq username li tkun tista' tilloggja bih fil-futur (eż. jborg90).
5. Oħloq password.
6. Ikkonferma l-password billi terġa' tiktbu.
7. Ikteb l-indirizz elettroniku tiegħek (eż. john.bog.90@gmail.com).
8. Ikteb is-sekwenza ta' ittri u numri li jtuk il-liċenzja biex taċċessa s-sit (eż. Abc1-23DE-fG91-6ZxN). Din issibha meta tobrox il-parti apposta fuq il-qoxra tal-ktieb minn ġewwa.
9. Ftit wara li tirreġistra, tirċievi ittra elettronika. Din tista' ddum sa minuta biex tasallek. Jekk ma ssibhiex fl-inbox, aktarx tkun fil-folder tal-ispam.
10. Agħfas fuq il-ħolqa li ssib fl-ittra elettronika.
11. Din terġa' tieħdok fis-sit www.tezawrutematiku.com.
12. Daħħal il-username u l-password (l-istess ta' struzzjonijiet 4-5).
13. Agħfas *Illoggja* biex taċċessa t-teżawru.

# Il-werrej tematiku

## 1. Il-familja u l-ħbieb


1.0 Il-familja b'mod ġenerali • 3

1.1 Relazzjonijiet bis-saħħa tat-twelid jew l-adozzjoni • 3
  1.1.1 In-nanniet u dawk li ġew qabilhom • 3
  1.1.2 L-omm u l-missier • 4
  1.1.3 L-aħwa • 5
  1.1.4 L-ulied • 5
  1.1.5 In-neputijiet • 7
  1.1.6 Iz-zijiet • 7
  1.1.7 Il-kuġini • 7
  1.1.8 L-ordni tat-twelid • 7

1.2 L-għażla li ma tintrabatx • 8

1.3 Il-bidu ta' relazzjoni • 8

1.4 Relazzjonijiet bis-saħħa taż-żwieġ jew tal-koabitazzjoni • 9
  1.4.1 L-istatus ċivili • 10

1.5 Il-mewt fil-familja • 11
  1.5.1 Il-mewt tal-mara jew tar-raġel • 11
  1.5.2 Il-mewt tal-ġenituri • 11

1.6 Relazzjoni li mhix bilfors fi ħdan familja • 11

1.7 Il-ħbieb u l-ġirien • 11
  1.7.1 Il-ħbieb u l-ġirien • 11
  1.7.2 Mingħajr ħbieb u ġirien • 12

## 2. Il-ġisem u l-kura tiegħu


2.0 Il-ġisem b'mod ġenerali • 17

2.0.1 Il-ġisem sħiħ • 17

2.0.2 Il-ġisem f'partijiet • 17

2.1 Il-partijiet tal-ġisem • 17

2.1.1 Ir-ras u l-għonq • 17

2.1.2 L-għajnejn • 18

2.1.3 Il-widnejn • 19

2.1.4 L-imnieħer • 20

2.1.5 Il-ħalq, is-snien u l-gerżuma • 20

2.1.6 Is-sider u ż-żaqq • 23

2.1.7 Id-dahar, il-ġenbejn u l-warrani • 23

2.1.8 L-idejn u s-saqajn • 24

2.1.9 L-idejn • 24

2.1.10 Is-saqajn • 25

2.1.11 Is-swaba' tal-idejn u tas-saqajn • 26

2.1.12 Il-ġilda • 28

2.1.13 Ix-xagħar • 28

2.1.14 L-għadam • 29

2.1.15 Il-laħam • 29

2.1.16 L-organi ewlenin • 30

2.1.17 Il-ġenitali • 30

2.2 Il-funzjonijiet u l-prodotti tal-ġisem • 32

2.2.1 In-nifs • 32

2.2.2 Is-sogħla u l-għatis • 33

2.2.3 Il-bżieq u r-remettar • 33

2.2.4 Il-maħta • 34

2.2.5 Id-demm • 35

2.2.6 L-għaraq • 35

2.2.7 L-awrina • 35

2.2.8 L-ippurgar • 36

2.3 Is-sensi • 37
2.3.1 Il-vista • 37
2.3.2 Is-smigħ • 38
2.3.3 It-togħma • 39
2.3.4 Ix-xamm • 40
2.3.5 Il-ħass • 41

2.4 Il-kundizzjoni tal-ġisem • 41
2.4.1 B’saħħtu • 41
2.4.2 Dgħajjef • 42
2.4.3 Enerġetiku • 42
2.4.4 Għajjien • 43
2.4.5 Mistrieħ • 43
2.4.6 In-nuqqas ta’ mistrieħ • 44

2.5 Is-saħħa u l-mard • 44
2.5.1 Is-saħħa • 44
2.5.2 Il-mard u l-kundizzjonijiet • 44
2.5.2.1 Lista ta’ xi mard, kundizzjonijiet u sintomi • 46
2.5.2.2 Il-mard mentali • 49
2.5.3 It-trattament tal-mard u l-fejqan • 50
2.5.3.1 It-trattament tal-mard • 50
2.5.3.2 Il-fejqan • 52
2.5.4 Ġrieħi u korrimenti • 52
2.5.5 Id-diżabbiltà • 54

## 3. Id-deskrizzjoni fiżika

3.0 Id-Dehra • 57
3.0.1 Termini ġenerali • 57
3.0.2 L-età • 58
3.0.3 L-istatura u l-figura • 58

3.1 Il-fattizzi • 61
3.1.1 Ir-ras • 61
3.1.2 Il-wiċċ • 61
3.1.2.1 Termini ġenerali • 61
3.1.2.2 Il-forma • 62
3.1.2.3 Il-lewn • 62
3.1.3 Il-ħaddejn • 62
3.1.4 Il-geddum • 63
3.1.5 L-għajnejn • 63
3.1.5.1 Termini ġenerali • 63
3.1.5.2 Il-forma/il-qatgħa • 64
3.1.5.3 Il-lewn • 65
3.1.5.4 Il-ħuġbejn • 65
3.1.5.5 Ix-xagħar tal-għajnejn • 66
3.1.6 Il-widnejn • 66
3.1.7 L-imnieħer • 66
3.1.8 Il-ħalq • 67
3.1.9 Ix-xufftejn • 68
3.1.10 Il-leħen • 69
3.1.11 Is-snien • 70
3.1.12 It-tbissima • 71
3.1.12.1 Il-bniedem imbissem • 72

3.2 Il-partijiet tal-ġisem • 72
3.2.1 Id-dahar • 72
3.2.2 Is-sider ta' raġel • 72
3.2.3 Is-sider ta' mara • 72
3.2.4 Iż-żaqq • 73
3.2.5 Is-sorm • 73
3.2.6 Id-dirgħajn • 74
3.2.7 L-idejn • 74
3.2.8 Id-dwiefer • 75
3.2.9 Ir-riġlejn • 76
3.2.10 Is-saqajn • 76
3.2.10.1 Il-pass u l-mixja • 77
3.2.11 Is-swaba' • 78

3.3 Il-ġilda • 78
3.3.1 Termini ġenerali • 78
3.3.2 Il-lewn • 79
3.3.2.1 Deskrizzjoni skont il-karnaġġjon • 79
3.3.3 Il-kwalità • 80

3.4 L-għadam • 80

3.5 Ix-xagħar u s-suf • 81
3.5.1 Il-lewn • 81
3.5.2 Deskrizzjoni skont il-lewn tax-xagħar • 82
3.5.3 Deskrizzjoni skont ix-xagħar u s-suf (jew in-nuqqas tiegħu) • 82
3.5.4 It-tessatura u t-tip • 82
3.5.5 L-istili • 83

3.6 L-iġjene • 85

3.7 Il-poża • 85
3.7.1 Bilwieqfa • 86
3.7.2 Bilqiegħda • 86
3.7.3 Mimdud • 86
3.7.4 Għarkupptejh • 86
3.7.5 Immejjel • 86
3.7.6 Pożi oħra • 87

## 4. Id-deskrizzjoni tal-karattru

4.0 Il-karattru • 91

4.1 Soċjevoli • 91

4.2 Mhux soċjevoli • 92

4.3 Assertiv u kunfidenti • 94

4.4 Sottomess u diffidenti • 96

4.5 B'saħħtu • 97

4.6 Dgħajjef • 99

4.7 Attiv, bieżel, fuq tiegħu • 100

4.8 Inattiv, għażżien, mitluq • 103

4.9 Ferrieħi u ottimist • 105

4.10 Imdejjaq u pessimist • 106

4.11 Sikwit ikun fi stat emozzjonali pożittiv • 108

4.12 Sikwit ikun fi stat emozzjonali negattiv • 108

4.13 Moderat u bilanċjat fil-mod kif iħares lejn il-ħajja • 109

4.14 Eċċessiv u radikali fil-mod kif iħares lejn il-ħajja • 110

4.15 B'manjieri tajbin • 112

4.16 Bla manjieri • 113

4.17 Intelliġenti • 115

4.18 Mhux Intelliġenti • 117

4.19 Kapaċi f'dak li jagħmel • 118

4.20 Kemm jiddobba, jew mhux kapaċi f'dak li jagħmel • 119

4.21 Matur • 120

4.22 Immatur • 121

4.23 Moralment tajjeb • 121

4.24 Moralment ħażin • 123

4.25 Altruwist, ġeneruż u berbieqi • 127

4.26 Egoist, xħiħ u jippretendi wisq • 127

4.27 Iġib ruħu tajjeb man-nies • 128

4.28 Iġib ruħu ħażin man-nies • 128

4.29 L-attrazzjonijiet sesswali • 129

## 5. Is-sentimenti u l-emozzjonijiet

5.0 Is-sentimenti u l-emozzjonijiet b'mod ġenerali • 133

5.1 Kif twieġeb għall-mistoqsija "Kif int?" • 134
- 5.1.1 Tajjeb • 134
- 5.1.2 Hekk u hekk • 134
- 5.1.3 Ħażin • 134

5.2 Sentimenti u emozzjonijiet pożittivi • 134

5.3 Sentimenti u emozzjonijiet negattivi • 140

5.4 Sentimenti u emozzjonijiet newtrali • 151

5.5 Ir-risq • 153
- 5.5.1 Tajjeb • 153
- 5.5.2 Ħażin • 154

## 6. Il-fażijiet tal-ħajja

6.0 L-Ippjanar għat-tfal u t-tqala • 157

6.1 Mill-ħlas sal-quċċija • 159

6.2 It-tfulija • 164

6.3 Iż-żgħożija • 165

6.4 L-adultezza • 167

6.5 Ix-xjuħija • 171

6.6 Il-mewt • 172

6.7 Wara l-mewt • 175